MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 5/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Haber)**
**Vs**
**Fabio Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta’ Dicembru 2010 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dott. Michael Mallia LL.D fis-16 ta’ Settembru 2008 fuq garanzija personali ta’ Euro 2000, u sussegwentement olterati mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona Ll.D nhar il-15 ta’ April, 2010 f’dan illi jiffirma l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun darba fil-gimgha b’dan illi jekk ma jkunx jista` jirraporta kif fuq inghad, ghandu jibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih gie obbligat li jirraporta. Kif ukoll li jekk ibiddel l-

indirizz tad-dar, jinforma lill-Pulizija b'dan it-tibdil fi zmien tnax-il siegha minn tali bdil, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Fabio Psaila u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 2,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Dicembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif migjuba kkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li minnhom jitnaqqas il-perjodu li nzamm taht arrest preventiv b'referenza ghal dan il-kaz.
In rigward it-talba ghar-revizjoni tal-helsien mill-arrest u sabiex is-somma ta' elfejn (2000) Euro garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, l-Qorti ordnat li l-verbal u s-sentenza tingieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona sabiex tinghata d-decizjoni finali fuq dawn iz-zewg punti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, kif ukoll l-ordni taghha li t-talba ghar-revizjoni tal-helsien mill-arrest u sabiex is-somma ta' elfejn (2000) Euro garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u li kopja tal-verbal u sentenza tingieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona sabiex tinghata d-decizjoni finali fuq dawn iz-zewg punti u tirriformaha in kwantu ghal piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe` :-

Illi l-esponenti umilment jikkontendi li l-piena nflitta mill-Onorabbli Ewwel Qorti, kemm minhabba enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi, kif ukoll a bazi tal-fatti hek kif migjuba l-quddiem , setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti u ghalhekk l-esponenti jitlob temperament fil-*quantum* tal-piena mposta fuqu.

Is-suespost qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:
i. A tenur tal-artikolu 574 tal-Kodici Kriminali, li jifforma parti mit-Titolu IV tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali jghid testwalment:

**“jigi moghti l-helsien mill-arrest, meta huwa jaghti garanzija tajba li jidher ghall kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu lilu ordinati…”**

L-att ta’ dawn il-proceduri juru bic-car li l-esponenti ma kelu l-ebda ordni sabiex bejn it-22 ta’ Novembru 2010 u s-26 ta’ Dicembru 2010 huwa kelu jattendi l-Qorti jew x’imkien iehor in konnessjoni mal-kawza li huwa ghandu pendenti.

Il-fatt wahdu li l-artikolu 574 tal-Kodici Kriminali juri bic-car l-intenzjoni tal-legislatur u cioe` li johloq gradwatorja ta’ importanza ghal fini ta’ meta jista` jinghata l-beneficcju tal-liberta` provvizorja. *Multo magis* nuqqas ta’ attendenza ghal xi att tal-process hija u ghandu tigi meqjusa bhala l-ghola forma tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja.

L-Ewwel Onorabbli Qorti bl-akbar rispett mhux talli ma abbracjatx is-sottomissjonjiet tad-difiza maghmula f’dan is-sens izda talli addirittura sahqet li:

**“ksur ta’ kull obbligazzjoni ossija kundizzjoni imposta fuq imputat meta jinghata l-liberta` provvisorja hi per se ta’ natura gravi u tenut kont tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz…”**

Id-dikjarazzjoni tal-Qorti f'dan is-sens u cioe` li kull ksur huwa gravi filwaqt li huwa minnu li kull vjolazzjoni tal-ligi, tkunx delitt jew kontravvenzjoni, hija gravi, proprju ghax hija vjolazzjoni tal-ligi. Madanakollu l-istess ligi tohloq gradwatorja tal-gravita` tal-vjolazzjoni tal-ligi.

- Jista` qatt jinghad li nuqqas ta' iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat ma jidhirx ghall-ordni ta' l-awtorita`?

- Jista` qatt jinghad li nuqqas ta' iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat imqar jittanta javvicina x-xhieda tal-prosekuzzjoni?

- Jista` qatt jinghad li nuqqas ta' iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat jahrab minn Malta?

Huwa l-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali li johloq il-gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja proprju ghalhiex huwa l-artikolu tal-ligi li jishaqq dwar x'ghandu jkun analizzat mil-Qorti meta tigi biex tikkunsidra jekk imputat ghandux jinghata l-liberta` provizorja jew le.

Artikolu tal-ligi li l-Ewwel Qorti bir-rispett lanqas biss ikkunsidrat.

Di piu` l-istess artikolu tal-ligi li jikkreja d-delitt de quo cioe` l-artikolu 579 fis-sub-inciz (1) tieghu jerga ghal darba ohra jaghmel riferenza ghal gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni, billi jelenka l-ewwel;

**"jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija" [ liberament tradotta u bhala ma jidher mid-dokumenti esebiti mill-ufficjal prosekutur cioe` l-Qorti]**

Imbaghad wara l-istess sub-inciz jghaddi sabiex jkompli jghid:

**"jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet…"**

Il-ligi nostrana dejjem abbraccjat il-principju *quod non est in acti non est in mundo*, principju regolatur li l-Qrati taghna dejjem osservaw skrupolozament u qatt ma kienx hemm tenttattiv li ssir xi dipartizzjoni minnu.

Madanakollu l-esponenti jikkontendi li l-Ewwel Qorti x'aktarx giet influenzata negattivament mis-sottomissjonijiet li saru lilha mil-Prosekuzzjoni, senjatament mill-Ispettur Anthony Portelli fir-replika tieghu fejn intqal diskors fis-sens li l-esponenti sakemm kien qieghed jgawdi tali beneficcju kkommetta reati ohra senjatament *hold-up* li fih gew feruti xi persuni u li l-esponenti ta ruhu b'idejh biss wara li ken fieq mil-griehi tieghu!

Naturalment id-difiza oggezzjonat ghal tali sottomissjonijiet mhux biss ghax l-esponenti ma huwiex hati ta' l-ebda delitt li huwa kkometta matul tali beneficcju, izda anke minhabba l-fatt li s-sottomissjonijiet jridu jkunu mibnija fuq il-provi. Apparti minn hekk l-ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti spjega kif il-ksur allegat kien dak tan-nuqqas ta' iffirmar tal-*bail book* biss.

Il-provi juru bic-car li l-esponenti ma ffirmax il-*bail book* tieghu mit-22 ta' Novembru 2010.

Kieku huwa possibbli li s-sottomissjonijiet tal-partijiet jaghmlu prova, naturalment id-difiza kienet issemmi kif fil-proceduri li l-esponenti ghandu pendenti li fihom huwa nghata tali beneficcju, huwa dejjem attenda l-Qorti, kif huwa dejjem kien prezenti hekk kif u meta ordnat, li matul dawk il-proceduri tant l-esponenti huwa bniedem affidabbli huwa nghata permess sabiex jsiefer varji drabi minn Malta anke minghajr depositu, ecc, ecc. Pero` galadarba sottomissjoni ma taghmilx prova, allura dan kollu ma ngabx il-quddiem.

Jkompli jevolvi l-argument tal-esponenti ghar-rigward il-gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja anke a bazi tal-fatt li l-ligi fis-sapjenza taghha holqot gradwatorja ta' pieni applikabbli ghal meta

persuna tinsab hatja tad-delitt ravvista fl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali.

Kieku kull **"ksur ta' kull obbligazzjoni ossija kundizzjoni imposta fuq imputat meta jinghata l-liberta` provvisorja hi per se ta' natura gravi"** il-legislatur ma kienx johloq piena fil-minimu u massimu <u>izda kien johloq biss piena wahda</u> li tkun tassattiva, tkun xi tkun il-vjolazzjoni a bazi tal-principju *ubi lex dixit, voluit.*

ii. Analizi tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna turi kif l-ebda persuna ghax naqset milli tiffirma l-bail book ghal ftit aktar minn xahar ma wehlet piena ta' sitt xhur prigunerija. Anzi jidher l-oppost fejn ghal vjolazzjonijiet hafna aktar gravi, l-piena nflitta kienet ferm aktar miti, fosthom u mhux biss:

- Il-Pulizija v. Italo Grech – deciza 14.12.06 – **kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar** – piena ta' xahar prigunerija
- Il-Pulizija v. Andre` Francois Buhagiar – deciza 04.05.07 – **avvicina l-parti leza** – piena ta' xahar prigunerija
- Il-Pulizija v. Michel Abou Haidar – deciza 09.08.07 – **harab minn Malta ghal perijodu ta' sittax-il (16) xahar** – piena erba' xhur prigunerija
- Il-Pulizija v. Lorraine Vella – deciza 27.09.07 – **naqset milli tiffirma kuljum ghal perijodu ta' ftit aktar minn xahar** – piena multa ta' Lm100
- Il-Pulizija v. Christopher Scerri – deciza 01.11.07 – **kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar** – piena xaharejn prigunerija
- Il-Pulizija v. Aaron Cassar – deciza 02.07.08 – **naqas li jkompli jiffirma** – piena ta' tlett xhur prigunerija
- Il-Pulzija v. Charlot Calleja – deciza 12.09.08 – **ma ghamilx il-prgramm ta' riabilitazzjoni mid-droga** – piena seba' t'ijiem prigunerija
- Il-Pulizija v. Etienne John Scicluna – deciza 29.10.09 – **siefer bla permess tal-Qorti** – piena hames xhur prigunerija.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant ghaddej proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati. F'dawn il-proceduri talab u ottjena l-liberta provizorja taht numru ta' kundizzjonijiet fosthom illi jiffirma l-ghassa tal-Hamrun darba fil-gimgha. Illi rrizulta illi l-ahhar darba illi l-appellant iffirma l-ghassa tal-Hamrun kien nhar it-22 ta' Novembru, 2010. Il-pulizija fittxet lill-appellant u ma sabitux, sakemm fl-ahhar fis-26 ta' Dicembru, 2010 huwa ta ruhu b'idejh lill-pulizija.

In segwitu bdew dawn il-proceduri kontra l-esponent. F'dawn il-proceduri huwa ammetta l-htija tieghu u l-Qorti kkundannatu ghal sitt (6) xhur pruginerija. F'dan l-appell, l-appellant qed jaghmilha cara illi huwa mhuwiex qed jilmenta mill-fatt illi huwa ammetta l-akkuzi tieghu quddiem l-ewwel Qorti jew b'xi mod dan l-appell ghandu jinftiehem illi qed jirtira l-ammissjoni tieghu. L-agravju jikkonsisti mill-fatt illi l-ewwel Qorti kellha timponi piena aktar mita ghax wara kollox il-ksur tieghu ma kienx daqshekk serju. Fil-fatt fit-trattazzjoni tieghu d-difiza argumentat illi n-nuqqas ta' l-appellant kien illi ma nfurmax lill-pulizija bil-bdil ta' l-indirizz. Skont il-kawza Lawrance Gatt vs Malta deciza mill-"European Court of Human Rights" dawn l-obbligi ta' ksur kienu sekondarji, l-importanti kien illi l-akkuzat ikun jidher il-Qorti u dan fil-fatt Fabio Psaila dejjem ghamlu. L-ewwel Qorti bghatitu sitt (6) xhur prigunerija ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'dan l-appellant jifhem li l-Qorti kienet zgwidata b'dak li gie rrapurtat fil-gazzetti. F'kazijiet ohra l-piena nflitta tkun ferm anqas, ghalhekk jistaqsi 'l ghaliex kellu jigi trattat differenti minn haddiehor.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti mhijiex qieghda tiddubita mill-insenjament tas-Sentenza fuq imsemmija. Dana pero' l-kundizzjonijiet tal-liberta provizorji mhumiex moghtija ghalxejn u kollha jservu ghall-ghan wiehed biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan. Peress illi l-appellant huwa akkuzat taht il-Ligi Kriminali jkun hem il-htiega illi jigi notifikat bid-deferimenti tal-kawza u ghalhekk jigu mposti fuqu kundizzjonijiet ta' l-iffirmar biex il-pulizija

ma jkolliex diffikulta tinnotifikah. L-appellant kiser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk biddilx l-indirizz tieghu jew le l-Qorti ma tafx peress illi dan ma rrizultax imma rrizulta bhala fatt illi l-appellant ma ffirmax l-ghassa tal-Hamrun kif kien obligat jaghmel u ghal kwazi xahar shih baqa' mfittex mill-pulizija minghajr lanqas ma ndenja ruhu jghidilhom fejn kien. Il-fatt illi fis-26 ta' Dicdmbru, 2010 ta ruhu b'idejh lill-pulizija m'ghandiex titqies illi ghamel xi bravura jew ghamel xi koncessjoni lill-pulizija billi ffrankalhom il-hin sabiex joqghodu jfittxuh. Kien l-appellant illi ma qaghadx ghall-obligazzjonijiet imposti fuqu u quindi kien l-appellant illi kellu jara kif jimmitiga l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienet legalment u ragunevalment korretta u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi distrubata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi. Irrizulta illi din il-piena tidhol fil-parametri al-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi mibdula.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------